**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2024**

**Kawża Numru: 18**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1325/2023 JVC**

**Phillip James Burlo (Passaport Ingliż bin-numru 547115663) magħruf qabel bħala Phillip James Hockham**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Phillip James Burlo talab kif isegwi:

1. ‘Illi l-attur twieled fis-27 ta’ Marzu tal-1974, f’ Royal Sussex County Hospital, Brighton;

2. Illi l-attur Phillip James Burlo magħruf qabel bħala Phillip James Hockman biddel ismu permezz ta’ dikjarazzjoni li għamel f’Londra ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ *Statutory Decalration Act* tas-sena 1835 fis-19 ta’ Diċembru 2006 quddiem l-avukat Stuart L. Peason;

3. Illi ai termini tal-Liġi Ingliża m’hemmx għalfejn tali dikjarzzjoni tiġi reġistrata’

4. Illi madanakollu l-attur ippreżenta applikazzjoni sabiex jirreġistra d-*deed poll* tiegħu fit-18 ta’ Jannar 2023 (Iskrizzjoni numru 1864/23) liema applikazzjoni ġiet aċċettata fl-4 ta’ Settembru 2023;

5. Illi d-*deed poll* illum huwa rreġistrat fl-Uffiċċju Ċentrali tal-High Courts of Justice fir-Renju Unit;

6. Illi l-isem tal-attur huwa rikonoxxut fid-dokumenti uffiċjali tiegħu inkluż il-passaport u ċ-ċertifikat taż-żwieġ tiegħu ma’ John Phillip Burlo;

7. Illi l-attur applika għaċ-ċittadinanza Maltija liema applikazzjoni ġiet aċċettata fil-15 ta’ Lulju 2022;

8. Illi madanakollu l-attur qed jiltaqa’ ma’ diversi diffikultajiet meta talab li tinħareġ il-Karta tal-Identità Maltija kif ukoll

passaport Malti minħabba li l-bidla ta' ismu permezz tal-att ma kienx rikonoxxut mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

9. Illi r-rikorrent hu magħruf ma' kulħadd bħala Phillip James Burlo u ilu mill-2016 ma juża l-isem Phillip James Hockham;

Għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-isem korrett tal-attur hu Phillip James Burlo;
2. Tordna li ssir il-korrezzjoni u/jew l-annotazzjonijiet meħtieġa fl-ċertifikat tat-twelid, ċertifikat taż-żwieġ u kull dokument ieħor rilevanti sabiex l-isem tal-attur jkun indikat bħala Phillip James Burlo;
3. Tordna li l-isem tal-attur jiġi kkoreġut kull fejn dan ikun meħtieġ;

Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi qabel xejn, tenut kont tal-fatti partikolari tal-każ, l-esponent jgħid li l-azzjoni tar-rikorrenti kellha tkun imsejsa fuq l-artikolu 257(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili għandu jkollha s-setgħa illi tordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-Att tat-Twelid ta' persuna u fuq kull att ieħor tal-istat ċivili li fih jidhru l-isem u l-kunjom tal-imsemmija persuna sabiex l-imsemmi tibdil fl-isem u/jew fil-kunjom ikun magħruf qabel issir ir-

reġistrazzjoni tal-Att relattiv u għalhekk, la darba din l-azzjoni kellha tinbeda quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors odjern;

**2.** Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jeċċepixxi illi in kwantu r-rikorrent qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-atti tal-istat ċivili tiegħu, u għalhekk qed issejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni tiegħu hija improponibbli stante illi in effetti, <u>l-att tat-twelid tiegħu għadu mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta</u>. L-artikolu 253(1) jgħid testwalment li "Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi." It-talba tar-rikorrent għalhekk ma tista' tinkwadra ruħha bl-ebda mod taħt dan l-artikolu, stante illi la qed tintalab korrezzjoni f'att li huwa rreġistrat, u lanqas qed ikun allegat illi d-Direttur intimat irrifjuta li jirreġistra l-att tat-twelid tiegħu;

**3.** Illi f'każ li minkejja l-eċċezzjonijiet preliminari tal-esponent, din l-Onorabbli Qorti xorta waħda tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi l-każ odjern, ai termini tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ, u dan wara li ssir ir-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid esteru tar-rikorrent, *ad verbatim*, fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, ai termini tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili u tiġi pprezentata kopja tal-istess Att tat-Twelid lokali fl-atti ta' dawn il-proċeduri. A skans ta'

dilungar inutili, jingħad minnufih li l-Att tat-Twelid esteru tar-rikorrent għandu jkun debitament apostillat qabel jiġi ppreżentat għar-reġistrazzjoni;

**4.** Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**5.** Illi mir-rikors promotur jidher illi skont l-Att tat-Twelid tar-rikorrent maħruġ mir-Renju Unit, ir-rikorrent twieled fis-27 ta' Marzu tas-sena 1974 fi Brighton, u li mat-twelid ingħata l-isem Phillip James HOCKHAM, iżda fid-19 ta' Diċembru tas-sena 2006, permezz ta' *deed poll*, kopja ta' liema ġiet ippreżentata mir-rikorrent u mmarkata 'Dok PB2', huwa bidel kunjomu minn Hockham għal Burlo. Tali bidla hija riflessa fil-passaport Britanniku tar-rikorrent, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata 'Dok A';

**6.** Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;[1]

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

7. Illi l-esponent ma jistax jieħu in konsiderazzjoni d-*deed poll* in kwistjoni sakemm l-istess *deed poll* ma jiġix rikonoxxut minn din l-Onorabbli Qorti, stante illi sabiex jirreġistra atti tal-istat ċivili esteri fir-Reġistru Pubbliku, huwa obbligat li jsegwi l-proċedura kif ikkontemplata fl-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi fiċ-ċirkostanzi, filwaqt illi jerġa' jagħmel referenza għall-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

9. Illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, jingħad minnufih li għandha tintalab korrezzjoni mir-rikorrent stante li ismu ġie erronjament indikat minnu bħala Philip minflok Phillip;

10. Illi fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba attriċi, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għalhekk, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna t-tibdil rikjest minnu, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Jingħad ukoll li l-esponent jista' jemenda biss atti tal-istat ċivili rreġistrati minnu u li ma jistax jiġi mitlub iwettaq bidliet f'dokumenti oħrajn li m'għandu ebda responsabbilita' għalihom;

11. Illi in oltre, m'hemm ebda ħtieġa li jsir tibdil fl-Att taż-Żwieġ Malti tar-rikorrent, stante li t-tibdil fil-kunjom huwa diġa' rifless fuq dan l-Att. It-tibdil fil-kunjom tar-rikorrent jidher li huwa meħtieġ biss fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent, dejjem jekk dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta ai termini tal-artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili;

12. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 34 tal-proċess.

Rat illi fis-seduta tallum iddikjarat il-provi tal-partijiet magħluqa.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat illi effettivament ir-rikorrent esebixxa *deed poll* li jikkonferma li ufficcjalment huwa ma għadux juża l-kunjom Hockham imma juża l-kunjom Burlo u dan jinsab esebit fl-oriġinal tiegħu a fol 17 tal-proċess.

Rat id-dokumentazzjoni kollha l-oħra annessa mar-rikors ġuramentat li wkoll tevidenżja li llum il-ġurnata r-rikorrent huwa magħruf bl-isem sħiħ ta' Phillip James Burlo. Rat l-affidavit tiegħu fejn ukoll jispjega dawn iċ-ċirkostanzi.

Illi in vista tal-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem korrett tal-attur hu Phillip James Burlo;

3. Tilqa' it-tieni talba u tordna li ssir il-korrezzjoni u/jew l-annotazzjonijiet meħtieġa fl-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1796 tas-sena 2024 esebit a fol 33 tal-proċess u f'kull ċertifikat ieħor relattiv fil-poter tad-Direttur intimat sabiex isem l-attur ikun indikat bħala Phillip James Burlo;

4. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**6.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**6 ta' Ġunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**6 ta' Ġunju 2024**